

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EU BAM RAFAH/2/2012

tal-24 ta' Lulju 2012

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) *ad interim*

(2012/437/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-missjoni EU BAM Rafah, inkluż b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-3 ta' Lulju 2012, permezz tad-Deċiżjoni 2012/382/PESK ⁽²⁾, il-KPS, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), ħatar lis-Sur Davide PALMIGIANI bħala Kap tal-Missjoni EU BAM Rafah, *ad interim*, għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2012 sal-31 ta' Lulju 2012.

(3) Ir-RGħ pproponiet li l-mandat tas-Sur Davide PALMIGIANI bħala Kap tal-Missjoni EU BAM Rafah, *ad interim*, jiġi estiż għall-perijodu ieħor ta' xahrejn, mill-1 ta' Awwissu 2012 sat-30 ta' Settembru 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Davide PALMIGIANI bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), *ad interim*, huwa b'dan estiż sat-30 ta' Settembru 2012.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Awwissu 2012.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

O. SKOOG

⁽¹⁾ ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.

⁽²⁾ ĠU L 186, 14.7.2012, p. 30.